QORTI KRIMINALI

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru: 39/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Joseph Borg**

**Illum, 15 ta' Mejju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra **JOSEPH BORG**, ta' iben Louis u Antonia nee; Mifsud, imwieled Sliema, fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 1971, u residenti Amber Court, Block E, P/H 10, Triq Hal Qormi, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru **455971M,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-EWWEL (1) KAP**

*Assocjazzjoni f'bejgh jew traffikar tal-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha*

**Il-fatti**:

ILLI nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fil-gimghat ta' qabel din id-data, gewwa l-Gzejjer Maltin, **Joseph Borg**, minn issa 'l quddiem jissejjah l-akkuzat, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika gewwa Malta, medicina (Cannabis grass), bi

ksur tad-dispozizzjonijet tal-Ordninza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja tali assocjazzjoni f'Malta;

ILLI nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) il-Pulizija tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga intercettat vettura gewwa s-Swieqi tal-ghamla Toyota Funcargo bin-numru tar-registrazzjoni IBJ 587, li kienet qed tigi misjuqa milli l-akkuzat **Joseph Borg.** Fil-vettura kien hemm ukoll passiggier, li rrizulta li kien certu **Jason Micallef.** Il-Pulizija wettqet tfittxija gewwa l-vettura msemmija, fejn sabet bagalja bil-Cannabis grass fiha, u diversi mobile phones li kienu jappartjenu lill-akkuzat **Joseph Borg u Jason Micallef.**

Il-Pulziija li kienu qed jaghmlu sorveljanza gewwa Triq il-Qantar, Swieqi innutaw li ftit minuti qabel ma giet intercettata l-vettura msemmija, **Jason Micallef** kien hareg bl-istess bagalja li nstabet fil-vettura minn gwwa l-fond Flat 153, Tremi, Flat 1, Triq il-Qantar, Swieqi. **Jason Micallef** deher jaghmel kuntatt fl-istess fond ma' persuna maskili, li mill-investigazzjoni tal-Pulizija rrizulta li kien **Marco Acimovic.** Mill-investigazzjoni rrizulta wkoll li **Marco Acimovic** ifflaxxja fit-toilet aktar droga u dan minhabba li gewwa t-toilet tal-imsemmija residenza giet innutata droga fil-wicc tal-ilma tat-toilet. Il-Pulizija ghaddiet sabiex tiftah is-sistema tad-dranagg tal-istess residenza u setghet tigi innutata izjed droga. Minn gewwa l-fond imsemmi gew elevati diversi mobile phones u ammont konsiderevoli ta' flus kontanti;

ILLI konsegwentement nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru, tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-akkuzat **Joseph Borg** irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija, liema stqarrija giet guramentata quddiem il-Magistrat tal-Ghassa Audrey Demicoli nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u dsatax (2019). L-akkuzat **Joseph Borg** stqarr li lejliet li waqqfu il-Pulizija, huwa kien tkellem ma' **Jason Micallef** li kienu ser jixtru xi droga Cannabis. **Jason Micallef** qal lill-akkuzat **Joseph Borg** li kien jaf lil xi had barrani, li kien talabhom elfejn ewro (€2,000) ghal kull kilo Cannabis, fejn <u>sar il-ftehim bejniethom</u> li jixtru erba' kilos Cannabis, ghaliex bejniethom, l-akkuzat **Joseph Borg u**

**Jason Micallef** kienu ghaqqdu s-somma ta' tmint elef ewro (€8,000). Illi tali assocjazzjoni bdiet tezisti malli gew kkumbinati jew miftehma l-mezzi li bihom l-akkuzat u Jason Micallef kellhom jimzu biex jakkwistaw id-droga Cannabis.

Illi l-akkuzat **Joseph Borg** spjega li in ezekuzzjoni tal-pjan miftiehem bejniethom **Jason Micallef** kien ftiehem mal-barrani, biex jiltqaghu s-Swieqi u hemmhekk **Jason Micallef** dahal go appartametn mal-barrani, filwaqt li l-akkuzat **Joseph Borg** baqa' jistenna fil-vettura. Ftit tal-hin wara, **Jason Micallef** hareg mill-appartament u pogga bagalja bid-droga Cannabis fil-vettura li qed isuq l-akkuzat **Joseph Borg.** Wara li ghaddew il-flus lill-barrani, l-akkuzat **Joseph Borg** beda jsuq il-vettura, u flimkien ma' **Jason Micallef** gew imwaqqfa mil-Pulizija ftit wara. L-akkuzat **Joseph Borg** stqarr illi l-vettura Toyota Funcargo li kien qed isuq meta gie arrestat mill-Pulizija, kienet selfithielu habitbu temporanjament.

Illi s-sustanza li giet elevate minn gewwa l-bagalja li nstabet fil-vettura misjuqa mill-akkuzat giet analizzata mill-espert spizjar mahtur mill-Qorti fejn gie kkonfermat li kienet droga Cannabis fl-ammont ta' circa erba' kilogrammi u sitt mitt grammi (4kg 596grm), maqsumin, f'zewg boroz, bil-purita' tkun ta' 3.12% u 0.82% rispettivament, b'valur totali fis-suq ta' dak iz-zmien tar-reat li kien ilahhaq l-ammont ta' €87,324;

ILLi l-pjanta Cannabis hija kkontrollata bil-ligi skont l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

Illi ghalhekk b'ghemilu l-akkuzat **Joseph Borg** sar hati talli nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fil-gimghat ta' qabel din id-data gewwa l-Gzejjer Maltin, **<u>assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra fil-Gzejjer Maltin jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (Cannabis grass) f'dawn il-Gzejjer, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew</u>**

**<u>ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni,</u>** meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordninanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-Legislazzjoni sussidjarja 101.02 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru reponsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-drog li ma gietx fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ricotta kif provdut fir-Regoli msemmija.

**<u>L-akkuza:</u>**

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u fl-isfond tac-cirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuza, jakkuza lill-imsemmi **Joseph Borg** hati ta' **<u>assocjazzjoni</u>** u cioe' talli nhar it-tnejn u ghoxrin (22) jum mix-xahar ta' Novembru tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) u fil-granet ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin, **<u>assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (raza mehuda mill-pjanta Cannabis), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 u tar-regoli ghall-Kontroll Intern Fuq Id-Drogi Perikoluzi, il-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni,</u>** meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordninanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-Legislazzjoni sussidjarja 101.02 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru

reponsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-drog li ma gietx fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ricotta kif provdut fir-Regoli msemmija.

**<u>Il-piena mitluba:</u>**

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat **Joseph Borg** u illi huwa jigi kkundannat ghall-**piena ta' prigunerija ghall-ghomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet meija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gverna ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprejta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja** skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu2, 8€, 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(aBA)(7)(9), 22A, 24, 24A, 26, 28, 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 48A, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghall-htija ta' imsemmi akkuzat.

**IT-TIENI (2) KAP**

*Pussess aggravat tal-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha*

**<u>Il-fatti:</u>**

Illi nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fil-gimghat ta' qabel din id-data, gewwa l-Gzejjer Maltin, **Joseph Borg**, minn issa 'l quddiem jissejjah l-akkuzat, <u>kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.</u>

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att ta' Akkuża u cioe' nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-akkużat **Joseph Borg** kien twaqqaf ġewwa s-Swieqi mill-Pulizija waqt li kien qed isuq vettura tal-marka Toyota Funcargo bin-numru tar-reġistrazjoni IBJ 587 filwaqt li fil-vettura kien hemm bagalja li rriżulta li kien fiha ta' ċirka erba' kilogrammi u sitt mitt grammi (4 kg 596grm) tad-droga Cannabis, maqsumin f'żewġ boroż, bil-purità tkun ta' 3.12% u 0.82% rispettivament, b'valur totali fis-suq ta' dak iż-żmien tar-reat li kien ilaħħaq l-ammont ta' €87,324;

Illi l-pjanta Cannabis hija ikkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

ILLI tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll l-ammont innifsu tad-droga li nstabet fil-pussess tal-akkużat **Joseph Borg** juru biċ-ċar li tali droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

ILLI in oltre, l-akkużat **Joseph Borg** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Joseph Borg** sar ħati talli nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa l-Gżejjer Maltin, **kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis, kollha jew biċċa minnha**, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi,

tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan ir-reat sar **taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

**<u>L-akkuża</u>**:

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'il fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Joseph Borg** ħati talli nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa l-Gżejjer Maltin, **kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis, kollha jew biċċa minnha** meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **taħt tali ċirkosanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

**<u>Il-piena mitluba</u>**:

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Joseph Borg** u illi huwa jiġi ikkundannat għall-**piena ta' priġunerija għall-għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar**

**ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja,** skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 12, 14, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d)(7)(9), 22A, 23, 24, 24A, 26, 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari ta' Joseph Borg,ipprezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 t' Awwissu, 2024 fejn ecepixxia s-segwenti eccezzjonijiet:

1. L-inamissibilita' tal-process verbal tal-access (Dok AA2) kemm in kwantu gie redatt bi ksur tai *inter alia* l-artikolu 546, 547, 549 u 550 tal-Kap. 9, kif ukoll in kwantu d-dmirijiet tal-Magistrat Inkwerenti waqt l-access gew delegati u ezegwiti mis-Spettur Kevin Pulis, Ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva, u kif ukoll in kwantu kemm il-darba l-*in genre* titratta reati li m'humiex dak ta' serq, uffiċjal tal-Pulizija mhux taht il-grad ta' spettur qatt ma seta' jig ordnat sabiex jzomm access u jistabbilixxi l-fatti rilevanti;

2. L-inamissibilita' tax-xiehda u dokumenti/rapporti pprezentati minn PC 405, PC 169, Dr Marisa Cassar, Gilbert Mercieca u Keith Cutajar kemm inkwantu dak eccepit fl-eccezzjoni precedenti kif ukoll in kwantu illi, peress l-Ispettur Kevin Pulis qatt ma setgha jigi nominat sabiex jaqdi l-funzjoni tal-Magistrat Inkwerenti fl-access, in-nomini ta' PC 405, PC 169, Dr Marisa Cassar, Gilbert Mercieca u Keith Cutajar 'sabiex jassistu lill-imsemmi Spettur tal-pulizija waqt l-access' huma irritwali u nulli (vide inter alia s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omissis** deciza 21.1.2010 tal-per Imhallef Joseph Galea Debono);

3. L-inamissibilita' ta' kl-istqarrija guramentata u stqarrija rilaxxati mill-eccipjent (Dok AA1 u Dok KPX) in kwantu gew mehuda minghajt ma qabel gie moghti l-jhedd tal-

assistenza legali u cioe' bi ksur tal-Ligi vigenti fiz-zmien li gew rilaxxati u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-eccipjent;

4. L-inamissibilita' tas-stqarrija guramentata moghtija minn Jason Micallef (Dok AA3) in kwantu Micallef meta gie prodott sabiex isirlu l-kontro-ezami mill-eccipjent ghazel li ma jixhidx. Ghaldaqstant fl-eventwalita' li jippersisti dan l-istat ta' fatt u l-eccipjent jibqa prekluz minn li jagħmel il-kontro-ezami ta' Micallef din l-Onorabbli Qorti ghanda tiddikjara l-imsemmija stqarrija guramentata namissibbli u tordna illi ma tinqarax jew tintwera lill-gurati;

5. L-inamissibilita' tax-xiehda ta' Jason Micallef u Marko Acimovic (folio 530 u 531 tal-atti processwali) in kwantu l-imsemmija persuni huma akkuzati bl-istess fatti u ghaldaqstant m'humiex producibbli bhala xiehda kontra l-eccipjent u x-xiehda taghhom ma' tistax tinghata bhala prova kemm il-darba l-proceduri taghhom m'humiex *res judicata*;

6. L-inamissibilita' tax-xiehda tal-akkuzat a fol 529 tal-atti in kwantu l-akkuzat ghandu dritt ghas-silenzju u ma jistax jigi mgieghel jixhed mill-prosekuzzjoni;

7. L-inamissibilita' ta' Dok EGF1 u x-xiehda ta' Euince Grech Fiorini u s-Spettur Kevin Pulis misjuba a fol. 500 sa 505, 661, 662 u 666 sa 668 tal-atti in kwantu l-irrelevanza manifesta taghhom ghall-fatti kif migjuba fl-att ta' akkuza u in kwantu fl-eventwalita' li jitqassmu lill-gurati, huma dokumenti illi x'aktarx juru li l-ecceipjent jkun ikkommetta, jew instab hati, jew ikun ġie akkużat b'xi reat li m'huwiex ir-reat li jkun qed jiġi akkużat dwaru, jew li ghandu karattru hazin (artikolu 459A tal-Kap.9);

8. Ghanda titnehha r-referenza ghall-artikolu 48A tal-Kap. 9 mill-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza in kwantu l-imsemmija disposizzjoni ma issibx applikazzjoni ghall-fatti kif narrati fl-istess Kap.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ntavolata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Settembru, 2024;

Rat illi nhar it-28 ta' Novembru, 2024 l-akkuzat talab lil din il-Qorti kif diversament ippreseduta sabiex tirrikuza ruhha u dan stante li l-Imhallef kien fil-vesti tieghu bhala Magistrat qed imexxi l-kumpilazzjoni fil-konfront tal-akkuzat- u dan in vista tal-eccezzjonijiet hekk kif kontenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess akkuzat;

Rat illi permezz ta' digriet datat l-5 ta' Dicembru 2024 din il-Qorti hekk kif ippreseduta mill-Imhallef Neville Camilleri astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-proceduri u dan stante li kienu jezistu ragunijiet validi fil-ligi kif jipprovdi l-Artikolu 734(1)(d)(i) u 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi permezz ta' digriet datat it-13 ta' Jannar 2025, din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu, 2025 semghet il-partijiet jaghmlu s-sottomisjonijiet taghhom fir-rigward tal-ewwel zewg eccezzjonijiet u ghalhekk din is-sentenza ser tinghata biss fir-rigward dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

**Ikkunsidrat,**

Illi permezz **tal-ewwel eccezzjoni** tieghu l-akkuzat qed jecepixxi l-inammissibilita' tal-*proces verbal* tal-access u dan stante li gie redatt bi ksur tal-Artikoli 546, 547, 549 u 550 tal-Kodici Kriminali u ghaliex id-dmirijiet tal-Magistrat Inkwerenti waqt l-access gew delegati u ezegwiti mill-Ispettur Kevin Pulis, li huwa Spettur tal-Pulizija. L-akkuzat, permezz tal-avukat difensur tieghu, tenna illi dan il-kaz mhux bhal dak deciz minn din il-Qorti kif ippreseduta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Michele Artale.**[1] Dan stante li dak li kien gie mitlub fil-kawza kontra Michele Artale kienet l-inamissibilita tal-*proces verbal* peress li l-Magistrat Inkwerenti kien naqas milli jmur

[1] Deciza nhar il-11 ta' Lulju, 2024.

fuq il-post. F'dawn il-proceduri, l-akkuzat qieghed jghid li l-Magistrat appuntat Spettur sabiex jissotitwixxi l-funzjoni ta' Maġistrat Inkwirenti fl-access. Huwa sostna illi dan imur kontra l-funzjoni essenzjali tal-Maġistrat Inkwirenti u potenzjalment tista' twassal ukoll ghal lezzjoni ta' dritt ta' smiegh xieraq.

Min-naha l-ohra l-Avukat Generali sostna illi din l-eccezzjoni hija wahda perikoluża u li nullita tal-*proces verbal* tista' tirrizulta biss jekk hemm wahda mir-rekwiziti nieqsa tal-Artikolu 550(5) tal-Kodici Kriminali. Illi l-Avukat Generali sostna wkoll illi l-kelma 'access' tfisser inkjesta u anke f'dan ir-rigward ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta vs Mohammed Koruma**.[2]

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Illi din il-Qorti thoss illi ghandha tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza taghha li l-avukat tal-akkuzat ghamel referenza ghaliha u cioe' dik **tar-Repubblika ta' Malta vs Michele Artale**. F'dan il-kaz gie ritenut hekk:

> *"Il-Qorti mhux ser toqghod tidhol fil-kwistjoni jekk il-Magistrat Inkwerenti acceditx fuq ix-xena tar-reat o meno.* ***Dan stante il-fatt illi jekk il-Magistrat kienet obbligata li taccedi fuq il-post u ma marritx, il-proces-verbal xorta wahda jibqa' ammissibbli.*** *Din il-Qorti tghaddi sabiex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs Tiberiu-Mihail Miculescu***[3] *fejn il-Qorti kienet ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs John Mifsud***[4] *u qalet hekk:*
>
> ***Din il-Qorti tqis li kif tajjeb issottometta l-appellant kellu jkun il-Magistrat Inkwirenti li jaghmel access u mhux jiddelega lill-Ispettur sabiex tkun hi li taghmel access. Nonostante dan in-***

[2] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar il-25 ta' Frar, 2025.
[3] *Deciza minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta nhar id-29 ta' Settembru, 2009.*
[4] *Decided by the Court of Criminal Appeal (Inferior Jurisdiction) on the 23rd September, 2021.*

***nuqqas, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li kwalsiasi rizultanzi li setghu inhargu in segwitu ghall-premess ghandhom jigu dikjarati inammissibbli. Fil-ligi ta' Malta ma ghandhiex il-principju tal-'fruit of the forbidden tree' u ghalhekk anke jekk kellu jkun il-Magistrat li jaccedi fuq il-post u mhux jiddelega dan lill-Ispettur, dan ma jfissirx li r-rizultanzi tal-inkjesta huma inammissibli.***

*Kif meqjus fid-digriet fl-ismijiet **'DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO'**[5] dwar fatti u kwistjonijiet kompletament differenti minn dawn odjerni:*

*Skond il-fehma tal-konvenut, ir-registrazzjonijiet telefonici ittiehdu b'manjiera illecita u minghajr il-kunsens tieghu u, allura, l-istess ma jistghu qatt jitressqu bhala evidenza ideonea fi proceddiment gudizzjarju. B'dan l-argument il-konvenut donnu qed jittenta jdahhal fil-vicenda de quo dak il-principju maghruf bhala **"fruits of the poisoned tree"**. **Dan hu precett predominanti hafna fis-sistema legali Amerikana fejn il-logika ta' warajh trid illi jekk is-sors innifsu ta' l-akkwist ta' l-evidenza huwa illecitu, allura kull haga li tiddixxendi minn tali sors huwa wkoll illegali (fi kliem iehor, l-effett negattiv ad inceptio jirriverbera ex posterior fuq kollox li johrog jew jemana minnu).** Madanakollu, jigi sottolinejat, illi **tali principju ma jezistix fl-ordinament guridiku Malti**. Mhux konsentit li jidahhlu principji ritwali godda jew novelli li l-legislatur Malti ma ddisponiex espressament dwarhom jew provda ghalihom, li huma aljeni ghas-sistema guridika nostrana. Dan huwa hekk l'ghaliex dak li trid il-ligi, tghidu espressament abbazi tal-massima "ubi lex voluit, lex dixit".[6] Il-ligi procedurali domestika, fis-*

[5] *Moghti mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-3 ta' Frar, 2020 (Avviz tat-Talba numru: 80/2019).*
[6] *32 Referenza ghall-massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman huma pertinenti ghax kif maghdud fid-decizjoni in re **Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri** (Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni No 122 riportata f'Kollez. Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi*

*skiet tal-ligi, ddur ghall-ispirazzjoni ghall-principji u dawk in-normi li jsawwru r-regoli procedurali Inglizi.*[7] *Ghalhekk, wiehed idur biex jara kif tali materja giet kunsidrata fis-sistema Ingliza u s-segwenti huma ftit kaptazzjonijiet ghar-rigward. Insibu ritenut illi, "The law in this area is complex and still developing. Statute occasionally provides rules governing the admissibility of evidence obtained by particular methods. Where the statute is silent, or there is no relevant legislation, the general rule at common law applies.* ***<u>This rule states that the admissibility of evidence is not affected by the means used to obtain it.</u>*** *The use of illegal or unfair techniques to obtain evidence does not generally make otherwise relevant and admissible evidence inadmissible" (IAN DENNIS, "The Law of Evidence", Sweet & Maxwell 2010; 4th ed., §8.2, p. 301). L-istess awtur ikompli jghallem illi, "The general rule at common law was and remains clear and*

---

*komuni) ta' Malta u "nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, inter alia,* ***<u>Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et</u>*** *(Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008);* ***<u>John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et</u>*** *(Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009);* ***<u>Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana</u>*** *(Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014);* ***<u>Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et</u>*** *(Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u* ***<u>Sebastian Vella et v. Charles Curmi</u>*** *(Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014). (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) fid-digriet citat.)*

[7] *It-Tribunal josserva li r-rit procedurali civili taghna jsib il-fons tieghu fid-dritt Ingliz. Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament domestiku fi zmien id-dominju Ingliz f'Malta. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista Malti PAOLO DE BONO (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile." (p.320) u noltre illi, "Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'footnote ghal din l-ahhar citazzjoni, jghid, inter alia, hekk: «Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del BEST, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal LELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso.» (pp.322–323). Bhala ezempju tangibbli ta' dak illi qed jigi maghdud, wiehed jirreferi ghas-sentenza in re* ***<u>Lawrence sive Lorry Sant v. In-Nutar Guze' Abela</u>*** *(Prim'Awla, 27 ta' April, 1993) fejn naraw illi din l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-law of evidence relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur Peter Murphy ("Modern Law of Evidence", 2nd edition) u l-opra intitolata "Cross on Evidence" (2nd Australian edition). Addizzjonalment, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-proceduri in re* ***<u>Michael Agus v. Rita Caruana</u>*** *(Prim'Awla, 10 ta' Marzu, 2011; digriet kamerali) ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi f'dak li jirrelata ma' produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha. Inoltre, fid-decizjoni in re* ***<u>Robert Hornyold Strickland v. Allied Newspapers Ltd</u>*** *(Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2019) naraw kif l- Qorti ghamlet espressament referenza ghal-Ligi anglosassona [vide pagna 13 ta' dik is-sentenza]. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) fid-digriet citat.)*

*unambiguous. The means by which evidence is obtained does not affect its admissibility as a matter of law.* ***__Provided the evidence is relevant it is admissible in law, and it is not rendered inadmissible because illegality or unfairness is used to obtain it__****. A classic statement of the attitude of nineteenth-century judges was the terse observation of Crompton J. in Leatham [(1861) 8 Cox C.C. 498 at 501]: «It matters not how you get it; if you steal it even, it would be admissible in evidence». The inspiration for this common law position came largely from civil cases, where the court has traditionally conceived its function as that of doing justice between the parties according to the evidence the parties choose to present. From this standpoint it is immaterial how the parties come by their evidence." (ibid. §8.3, p. 302). Utili hafna dak misjub fil-ktieb ta' J. D. HEYDON intitolat "Cross on Evidence" (Butterworths 2010, 8th ed., §27230, p. 988) fejn insibu asserit li, "Lord Goddard rejected the submission that evidence obtained illegallly was for that reason inadmissible (Kuruma v R [1955] AC 197): ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is where it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained ...".*

*Din il-posizzjoni tidher abraccjata fis-sistema domestika. Il-qrati taghna kellhom okkazzjoni jitrattaw u jindirizzaw aspetti analogi ghat-tematika odjerna u f'dan ir- rigward, it-Tribunal jaghmel referenza ghassenjalazzjonijiet rilevanti maghmula fid- decizjoni in re* ***__Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja__*** *(Qorti ta' Appell Kriminali, 3 ta' Mejju, 2000)*[8]*:*

---

[8] *Fis-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja' deciza fit-3 ta' Mejju, 2000 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Att ta' Akkuza numru: 20/97) il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal dak li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata datata l-14 ta' Dicember 1998 kienet ikkunsidrat dwar l-eccezzjonijiet imressqa. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li r-referenza maghmulha f'dan iddigriet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja' jirreferi ghal dak imnizzel fis-sentenza tat-3 ta' Mejju 2000 fejn f'dik il-parti kienet qieghda tikwota ssentenza tal-14 ta' Dicembru 1998.*

*« Issa, apparti li ma hemmx prova – jew, jekk hemm, din ma ingabitx a konjizzjoni ta' din il-Qorti fil-kors tat-trattazzjoni orali –* ***li r-registrazzjoni saret bi ksur ta' xi ligi, anke li kieku kien hekk (jigifieri li r-registrazzjoni saret bi ksur tal-ligi) dan ma jfissirx li dik ir-registrazzjoni ma hix ammissibbli bhala prova. Il-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna kienet dejjem li prova hi ammissibbli minkejja li biex wiehed jikseb dik il-prova tkun inksiret xi ligi ohra, u dan konformement mar-regola tal-"common law" Ingliza in materja*** *(ara f'dan is-sens* ***Il-Pulizija v. Grezzju Spiteri****, App. Krim. 8/3/84; ara wkoll* ***P. v. Josephine Bonello****, App. Krim. 16/10/42 u* ***s-sentenzi citati f'Harding's Recent Criminal Cases Annotated, Malta, 1943, p. 198****). Din il-Qorti taghmel referenza in partikolari ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliza tal-15 ta' Marzu, 1968 fejn gie ritenut illi "recordings of conversations obtained through telephone tapping by private individuals are admissible in evidence" (***R. v. Senat*** *and Sin, 52 Crim. App. R. 282). Minkejja li fl-Ingilterra il-'Police and Criminal Evidence Act, 1984' tat espressament il-qrati diskrezzjoni li jistghu, f'certi kazi, jeskludu provi "obtained improperly or by trick" (ara l-Artikolu 78 ta' dik il-ligi), ir-regola generali ghadha li "evidence obtained unlawfully, improperly or unfairly is admissible as a matter of law" (Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1689, para. F.2.6). Fi kliem Lord Chief Justice Goddard fil-kaz Kuruma, son of Kaniu v. The Queen (1955) AC 197: "... ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While this proposition may not have been stated in so many words in any English case, there are decisions which support it, and in their Lordships' opinion it is plainly right in principle." (p. 203).*

*« Din il-Qorti tara li ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilità ta' prova miksuba illegalment, din hi wkoll il-posizzjoni taht il-ligi taghna. Kif*

*inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-19 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet* ***<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena</u>****: "fis-sistema taghna dik li hija komunement imsejjha bhala l- 'Exclusionary Rule' fl-Amerika, ghad m'hijiex radikata u r-regola generali fis- sistema taghna hija* ***<u>li provi illi jkunu gew ottenuti b'mod censurabbli fuq skala kemm morali kif ukoll possibilment anke legali, xorta huma ammissibbli.</u>****"*

*« Jizdied jinghad li fl-Ingilterra, minkejja l-Att tal-1984 aktar 'il fuq imsemmi, il- House of Lords fil-kaz* ***<u>R. v. Khan</u>*** *(Sultan) (1996) 3 WLR 162, "upheld the decision of the Court of Appeal that evidence obtained by a bugging device, attached by the police to a private house without the knowledge of the owner or occipiers, as admissible and should not have been excluded under section 78 ... ... The crime being investigated was one of great gravity; in the circumstances the invasion of privacy, with attendant trespass and damage, was outweighed by the lack of pressure or oppression by the police, the absence of incitement, the fact that the defendant had not been arrested and the existence of a tape recording of the conversations" (ara Archbold, 1997, para. 15–503).*

*«* ***Din il-Qorti tirribadixxi illi f'dan il-kamp, il-ligi taghna ma tistax tigi ekwiparata ma' ligijiet ohra fejn il-principju huwa divers u fejn il-gurisprudenza segwiet linji kompletament opposti ghal dawk nostrani. Tirrepeti in oltre li dik l'hekk imsejjha 'exclusionary rule' li tezisti f'certi gurisdizzjonijiet hija aljena ghas-sistema taghna*** *... ... Similment, l-appellant qieghed jissottometti illi "l-Prosekuzzjoni qed titlob lill-Qorti bhala istituzjoni legali, li f'dan il-process legali, tikser il-ligi u tkun kompartecipi f'dan il-ksur tal-ligi, jew li tissana ksur ta' ligi." Apparti milli, kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, din l-allegazzjoni l-appellant qieghed jaghmilha minghajr ma almenu ressaq hjiel ta' prova jew indikazzjoni ta' prova illi dak li sar, sar illegalment da parti tal-*

*awtorità tal-pulizija, jigi osservat illi l-bazi tal-eskluzjoni mis-sisema taghna tal-'excluionary rule' huwa proprju r-rifjut tas-sistema taghna illi jallaccja l-valur probatorju u l-ammissibilità ta' prova mal-mod kif tkun giet ottenuta hlief ghal dak li jirrigwarda konfessjonijiet da parti tal-akkuzat li huma regolati specifikatament u differentement mill-Kodici. Fuq dan l-aspett legali, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha in re* ***<u>Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena</u>*** *deciza fid-19 ta' Jannar, 1996. »*

*In konguntta ma' dak appena osservat, fid-decizjoni in re* ***<u>Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah</u>***[9] *inghad illi,*

*"Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue"* ***– hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli." <u>Dan ikompli jsahhah l-osservazzjoni maghmula precedentement illi l-legislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza ta' l- evidenza u x'jista' jkun il-kontribut ta' l-istess evidenza ghall-kaz, milli l-forma taghha jew kif l-evidenza tigi akkwistata jew ottenuta.'</u>***

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza kif diversament ippreseduta fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carl Caruana</u>**[10] fejn il-Qorti wara li ghamlet referenza ghall-gurisprudenza sucitata, tenniet is-segwenti:

---

[9] *Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April 2001*
[10] Deciza 6 ta' Dicembru, 2022.

*'10. Għaldaqstant, in-nuqqas tal-Maġistrat Inkwirenti li jaċċedi fuq ix-xena tar-reat dakinhar tad-29 ta' Novembru 2019* ***ma jrendix il-proċess verbal inammissibbli*** *u dan allavolja l-Maġistrat Inkwirenti – salv dawk l-eċċezzjonijiet li tikkontempla l-Liġi kif intqal –* ***għandu obbligu sanċit bil-Liġi li jagħmel l-aċċess huwa stess ai termini talArtikolu 547 tal-Kodiċi Kriminali.****'*

In oltre, l-Avukat Generali fit-trattazjoni tieghu ghamel ukoll referenza ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mohammed Kouruma,**[11] liema sentenza ghamlet referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Theresa Agius**[12] fejn il-Qorti elaborat dwar xi tfisser il-kelma 'access' u gie ritenut is-segwenti:

*'Illi minn eżami tat-test ingliż tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar l-istħarriġ dwar l-in genere, tintuża l-kelma "inquest" li tradotta għall-ilsien Malti tfisser l-istħarriġ ġudizzjarju sabiex jkunu stabbiliti l-fatti kollha relatati ma' inċident. Issa dan l-istħarriġ ġudizzjarju jsir, kif ingħad, kull meta l-Inkwirenti jaħtar dawk l-esperti kollha li fil-fehma tiegħu jkunu jistgħu jassistuh fl-in genere u minn hemm tiġi mnehdija* ***l-inkjesta u ċjoè the inquest****, mmexxija mill-Inkwirenti. Fil-fatt l-Artikolu 548 jkompli jiddisponi hekk:*

*"Fl-aċċess għandhom jinġiebu l-periti li jinħtieġu, u ta' dan l-aċċess għandu jsir proċess verbal."*

Din il-Qorti tghid illi fliet ukoll il-gurisprudenza li giet citata u gentilment pprezentata l-Qorti mill-avukat tal-akkuzat.

[11] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar il-25 ta' Frar, 2025.
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Lulju, 2023.

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Illi, l-Kodiċi Kriminali jirregola l-proċedura dwar l-*in genere* fl-Artikoli 546 *et sequitur*. Dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi jistabbilixxu illi jrid isir l-istħarriġ dwar l-*in genere* kull meta jsir rapport, denunzja jew kwerela dwar reat li jġorr piena ta' 'il fuq minn tlett snin priġunerija. Il-Maġistrat Inkwirenti għandu s-setgħa li jinvestiga billi jara li tiġi mqiegħda fiz-zgur ix-xena tad-delitt u li tiġi ppreservata l-evidenza billi fost oħrajn jinħatru esperti sabiex jinġabru dawk il-provi rilevanti marbuta mal-*in genere* għal kxif tal-verita'. Wara dan il-Maġistrat ikun jista' jasal biex jistabbilixxi jekk fuq bażi *prima facie* din l-evidenza hekk ippreservata tkunx tista' twassal għal prosekuzzjoni ta' xi reat u jekk jirrizultax hemmx persuna jew persuni li kontra tagħha/hom tista' tiġi varata l-azzjoni penali. Dan kollu jigi konkluz mill-Maġistrat Inkwerenti fil-proces verbal, illi sussegwentament fil-Qorti imbagħad jista' jinġieb bħala prova fis-smigħ tal-każ. Il-ligi, specifikament fl-Artikolu 547 tal-Kodici Kriminali, tipprovdi illi l-access ghandu jsir minn Magistrat. Normalment ikun dak il-Magistrat li jkun qiegħed jikkonduci l-*in genere*. L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola hija li f'każ ta' serq li ma jkunx ukoll akkumpanjat mill-kwalifika tal-vjolenza.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fhema illi l-akkuzat ghandu ragun illi legalment kellha tkun il-Magistrat li tmur fuq il-post u mhux l-Ispettur Pulis. Madankollu, kif gie ritenut fil-gurisprudenza sucitata, l-Qrati taghna ma jaderixxux ruhhom mad-duttrina tal- *fruits of a poisoned tree* li jipprovdi li jekk xi evidenza tkun akkwistata b'mod illecitu, allura kull haga li jemani minnha huwa llegali. In oltre, l-Qorti tghid illi ma tistax taqbel mal-akkuzat fejn qieghed isostni illi l-Magistrat Inkwirenti qeghda tiġi uzurpata minn entita' li ma tgawdix l-indipendenza tal-gudikatura u cioe' mill-pulizija ezekuttiva u dan ghar raguni segwenti.

Illi a fol. 242 tal-atti processwali nsibu s-segwenti kelmiet:

*'Il-Magistrat Inkwerenti:*

*Tinnomina lill-Ispettur Kevin Pulis sabiex iżomm aċċess minnufih u jistabbilixxi l-fatti relevanti u jirrelata bil-miktub fi żmien tletin jum'*

Din id-dicitura mkien ma tindika jew tfisser illi l-Ispettur qed jidhol fiz-zarbun tal-Magistrat Inkwerenti u qed jassumi l-poteri taghha. Ghaldaqstant, din il-Qorti, filwaqt li taprezza r-ricerka mpekkabli li ghamel l-avukat difensur, ma tistax taqbel mat-tezi tieghu w ghalhekk ghar-ragunijiet kollha mghotija *supra*, din il-Qorti qieghda tichad l-ewwel eċċezzjoni tal-akkuzat.

Illi peremezz **tat-tieni eċċezzjoni preliminari** tieghu l-akkuzat qed jecepixxi l-inammissibilita' tax-xhieda, dokumenti u rapporti ppreżentati minn PC 405, PC 169, Dr Marisa Cassar, Gilbert Mercieca u Keith Cutajar u dan inkwantu dak eccepiet fl-eccezzjoni preċedenti, kif ukoll stante li l-Ispettur qatt ma setgha jiġi nominat sabiex jaqdi l-funzjoni tal-Magistrat Inkwerenti fl-access. Illi kif diga' gie ritenut fl-ewwel eċċezzjoni, minkejja li l-Ispettur Pulis zamm l-access hekk kif kien nominat jaghmel mill-Magistrat Inkwerenti, dan bl-ebda mod m'ghandu jiġi nterpretat illi hu kien qieghed jaġixxi bhala l-Magistrat, iżda bhala l-Ispettur li kien qed jassisti lill-Magistrat permezz tan-nomina tieghu. Ghalhekk, din il-Qorti ghall-istess raġunijiet moghtija fl-ewwel eċċezzjoni qeghda tichad ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-akkuzat Borg.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-akkuzat Joseph Borg u tordna l-prosegwiment tal-kaz.

**Consuelo Scerri Herrera** — **Maria Grech**

**Imhallef** — **Deputat Registratur**